**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 33**

It-Tnejn, 17 ta' Ottubru 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni l-Onor. Clifton Grima u s-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Chris Agius, l-Onor. Robert Arrigo u l-Onor. Robert Cutajar kienu skużati.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 32 li saret fit-12 ta' Ottubru 2022 kienu kkonfermati.

**RULING TAS-SEDJA**

L-Ispeaker ta ruling dwar it-talba magħmula mill-Onor. Ivan Castillo fis-Seduta 32 tat-12 ta' Ottubru 2022 dwar it-tweġiba mogħtija mill-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, għall-mistoqsija parlamentari nru 891.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 669 Rapport annwali tal-Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta għas-sena 2021, magħmul skont l-artikolu 7 (1) tal-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta (Kap. 515).

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 966, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 670 Tabella li turi tagħrif dwar konsulenzi li ngħataw mill-Ministeru għat-Turiżmu fis-snin 2021 u 2022.

Fl-4.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet in-numru 966 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 671 Avviż Legali Nru 251 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini (Emenda Nru 2);

P.L. 672 Avviż Legali Nru 252 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 li jemendaw it-Tielet Skeda li tinsab mal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha (Emenda Nru 2); u

P.L. 673 Avviż Legali Nru 253 tal-2022 - Regolamenti tal-2022 dwar l-Aċċess għad-Data (Eżenzjoni mill-Ħlas ta' Drittijiet għall-Kura tas-Saħħa).

Il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, l-Onor. Roderick Galdes, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 674 Termini u Kundizzjonijiet tal-Iskema għall-Benefiċċju tal-Kera f'Residenzi Privati (2019) maħruġa mill-Awtorità tad-Djar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2880.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 675 Memorandum of Understanding bejn il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) u l-Uffiċċju Nazzjonali għall-Istatistika (NSO) datat 6 ta' Awwissu 2021, mal-Aġenzija Żgħażagħ datat l-1 ta'Ġunju 2021, mal-Malta Information Technology Aġency (MITA) datat 24 ta' Settembru 2001, mal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA) datat 20 ta' Frar 2022, mal-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni datat 15 ta' Ġunju 2022, mal-Università ta' Malta datat 10 ta' Frar 2021, mal-Planning and Priorities Coordination Division (PPCD) u l-Funds and Programme Division (FPD) fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru u ma' Transport Malta datat 16 ta' April 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2322;

f'isem il-Prim Ministru, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 676 Avviż Legali Nru 254 tal-2022 – Ordni tal-2022 li jwaqqaf l-Aġenzija għall-Orkestra Filarmonika ta' Malta;

P.L. 677 Lista tal-karigi ta' uffiċjali fis-Settur Pubbliku li jagħmlu xogħol regolatorju jew ta' spezzjoni, maqsuma skont il-Ministeru u skont l-entità, id-dipartiment u l-aġenzija, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2303;

f'isem il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 678 K.L.B.L. 66/05/2022 – Bye-Laws tal-2022 dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ u l-Konsum ta' Alkoħol f'Postijiet Pubbliċi, u Stabbilimenti tal-Ikel fil-Beraħ (Kunsill Lokali Żebbuġ Għawdex);

f'isem il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 679 Korrezzjoni fid-data tal-kuntratt bejn il-Gvern Malti u s-soċjetà Sadeen Education Investment Limited li dehret fit-tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 2530 li ngħatat fis-seduta 32 tat-12 ta' Ottubru 2022;

P.L. 680 Korrezzjoni fid-data tal-kuntratt bejn il-Gvern Malti u Samrt City Malta li dehret fit-tweġiba għall-Mistoqsija Parlamentari 2531 li ngħatat fis-seduta 32 tat-12 ta' Ottubru 2022;

f'isem il-Ministru għal Għawdex qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 681 Tabella li turi l-kompożizzjoni tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq f'Għawdex, sa Marzu 2022 maqsuma skont il-kariga u r-remunerazzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2293; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 682 Tabella li turi l-kejl medju ta' temperaturi fil-perjodu bejn Jannar 2012 u Diċembru 2021 maqsuma xahar b'xahar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3019.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża, l-Onor. Miriam Dalli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 683 Long Term Waste Management Plan 2021–2030 maħruġ mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) datat Settembru 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2910;

P.L. 684 Cohesion Fund Grant Agreement CF.10.135 dwar The Setting up of a Multi Material Recovery Facility, f'Ħal Far, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3030; u

P.L. 685 Rapport Annwali dwar l-Iżvilupp Sostenibbli għas-sena 2021.

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 686 Tabella li turi l-kwalifiki akkademiċi ta' Chairpersons u CEOs ta' bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1776; u

P.L. 687 Tabella li turi n-numru ta' permessi ta' żvilupp għal xogħlijiet ta' restawr jew riabilitazzjoni approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar maqsuma skont il-lokalità fil-perjodu bejn Ottubru 2017 u Settembru 2022, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3094.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 688 Bijografiji ta' Chairpersons u CEOs ta' bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Ġustizzja, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1777.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 689 Tabella li turi l-kwalifiki akkademiċi ta’ Chairpersons u CEOs ta’ bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1778.

**MOZZJONIJIET**

**75. ESTIMI ĠENERALI 2023 – MOZZJONI TA’ PROĊEDURA DWAR ID-DIKJARAZZJONI FINANZJARJA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, l-Onor. Chris Fearne, ippropona:

Illi fis-Seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 2023 (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (a)), din id-Dikjarazzjoni u x-xogħol li jista’ jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieġ, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 9 - Interruzzjoni ta’ xogħol;

Illi d-Dikjarazzjoni tkun ukoll eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 49 - Limiti ta’ żmien għad-diskorsi, jew minn xi riżoluzzjonijiet oħra; u

Illi minkejja kull provvediment ieħor fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra:

(l) jekk id-Dikjarazzjoni Finanzjarja ssir il-Ħamis, sew filgħodu, wara nofsinhar, kif ukoll filgħaxija, isir biss xogħol tal-Gvern; u

(2) l-aġġornament ma jitteħidx.

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**FTEHIM TAL-KAMRA**

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Andy Ellul, informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq il-Kamra kellha tgħaddi biex tiddiskuti fl-istadji kollha tiegħu l-Abbozz ta’ Liġi Nru 22 li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2) li kien jidher bħala t-tieni item fuq l-Aġenda.

Huwa informa wkoll illi qabel ma l-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri jgħaddi għall-winding up tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ, id-diskussjoni fuq dan l-Abbozz għandha tkun interrotta u l-Kamra għandha tgħaddi biex tiddiskuti l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' li kien jidher bħala s-sitt item fuq l-Aġenda u dan sabiex f’seduta oħra jkun jista’ jitkellem l-Onor. Robert Cutajar li kien jinsab imsiefer.

L-Onor. Paula Mifsud Bonnici, għan-nom tal-Oppożizzjoni, ikkonfermat dan il-ftehim.

**1. ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR U LIĠIJIET OĦRA DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – ABBOZZ NRU 9**

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, ipproponiet it-Tielet Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u liġijiet oħra dwar il-Protezzjoni tal-Konsumatur.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378 u liġijiet varji dwar il-protezzjoni tal-konsumatur” inqara t-tielet darba u għadda.

**2. ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI KRIMINALI (EMENDA NRU 2) – ABBOZZ NRU 22**

Il-Ministru għall-Ġustizzja, l-Onor. Jonathan Attard, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2).

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. Byron Camilleri, issekonda.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Robert Abela, l-Onor. Jonathan Attard u l-Onor. Byron Camilleri għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Bernard Grech, l-Onor. Karol Aquilina u l-Onor. Joe Giglio għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9” inqara t-tieni darba.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għall-istadju ta’ Kumitat ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi.

Il-Kamra marret f’Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

L-Onor. David Agius, President tal-Kumitat, ippreseda.

Fis-5.48 pm il-Kumitat kien sospiż għal ftit minuti.

Fis-6.03 pm il-Kumitat irriżuma.

**KLAWSOLA 2**

Il-Ministru għall-Ġustizzja ressaq din l-Emenda “A”:

<u>**Klawsola 2**</u>

Il-klawsola 2 għandha tiġi emendata kif ġej:

(1) fl-ewwel paragrafu tas-subparagrafu (v) il-kliem “nflitta fuqu nnifsu:” għandu jiġi sostwit bil-kliem “inflitta mill-akkużat fuqu nnifsu:”;

(2) fil-proviso tas-subparagrafu (vi) kif propost fil-verżjoni bil-Malti l-kliem “Iżda li l-perijodu” għandhom jiġi sostwiti bil-kliem “Iżda li perijodu”.

**Clause 2**

Clause 2 shall be amended as follows:

(1) in the first paragraph of the proposed sub-paragraph (v) the words “resulting from self-harm:” shall be substituted by the words “resulting from self-harm by the accused:”;
(2) in the Maltese text of the proviso to the proposed sub-paragraph (vi) the words “Iżda li l-perijodu” shall be substituted by the words “Iżda li perijodu”.

Il-Ministru għall-Ġustizzja ressaq din l-Emenda “B”:

**Klawsola 2**

Fi klawsola 2, fl-ewwel paragrafu tagħha, minflok il-kliem “ġie mħolli għas-smigħ tal-kawża:” għandhom jidħlu l-kliem “ġie mħolli għas-smigħ tal-kawża;”.

**Clause 2**

In Clause 2, in the first paragraph thereof, the words “to the date of the next hearing:” shall be substituted by the words “to the date of the next hearing;”.

L-emenda “A” għaddiet nem.con.

L-emenda “B” għaddiet nem.con.

**KLAWSOLA 2**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta’ Liġi.

**KLAWSOLA 1**

Il-Ministru għall-Ġustizzja ressaq din l-Emenda “C”:

**Klawsola 1**

Fi klawsola 1, minflok il-kliem “Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 2)” għandhom jidħlu l-kliem “Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4)”.

**Clause 1**

In clause 1 the words “Criminal Code (Amendment No. 2) Act” shall be substituted by the words “Criminal Code (Amendment No. 4) Act”.

L-Emenda “C” għaddiet nem. con.

**KLAWSOLA 1**, kif emendata, għaddiet nem. con. u kienet ordnata ssir parti mill-Abbozz ta’ Liġi.

**IT-TITOLU** għadda nem. con. u kien ordnat isir parti mill-Abbozz ta’ Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Il-Kumitat qabel ukoll li l-President tal-Kumitat għandu jirrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 4) għadda mill-istadju tal-Kumitat b'emendi.

Fis-6.10 pm il-Kamra rriżumiet u l-President tal-Kumitat irrapporta li l-Abbozz ta' Liġi għadda b'emendi.

Skont ftehim milħuq, il-Kamra għaddiet għat-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Ministru għall-Ġustizzja ppropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex ikompli jemenda l-Kodiċi Kriminali, Kap. 9".

L-Onor. Michael Farrugia ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi nqara t-tielet darba u għadda.

**2. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-KODIĊI TAL-KUMMERĊ - ABBOZZ NRU 11 (KONTINWAZZJONI)**

Il-Kamra rriżumiet mit-12 ta' Ottubru 2022 id-diskussjoni fuq it-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att biex jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13″.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Stefan Zrinzo Azzopardi għan-naħa tal-Gvern u l-Onor. Ivan Castillo għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Fis-7.00 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 18 ta' Ottubru 2022 fl-4.00 p.m., b'din l-aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ | Tieni Qari (Kont.) |
| Abbozz ta' Liġi ta' Qabel l-Insolvenza | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Prattikanti fl-Insolvenza | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar id-Dħul ta' Malta bħala Membru tal-Fond Monetarju Internazzjonali | Tieni Qari |

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att kontra Money Laundering | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dawr il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji | Tielet Qari |

---

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar l-Esplożivi u l-liġijiet varji dwar il-Protezzjoni Ċivili | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjonijiet tas-Saħħa | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Chris Said, mill-Onor. Graziella Attard Previ u mill-Onor. Claudette Buttigieg.

Fis-7.30 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 18 ta' Ottubru 2022 fl-4.00 p.m. kif komunikat mill-Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**